**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 190/2023**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Janetta Grixti)**

**-Vs-**

**ROBERTA CUTAJAR TANTI**

**STEPHANIE CUTAJAR TANTI**

**Illum, 7 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **ROBERTA CUTAJAR TANTI**, imwielda Pieta' nhar il-05 ta' Settembru 1980, residenti fil-fond 198, Harmony Court, Flat 3, Triq il-Marsa, Marsa u **STEPHANIE CUTAJAR TANTI**, imwielda Pieta' nhar is-07 ta' Settembru 1984, residenti 198, Harmony Court, Flat 3, Triq il-Marsa, Marsa, li ġew akkużati talli nhar is-16 ta' Ottubru 2022 ġewwa Gianpula Village, l/o Gianpula Ħaż-Żebbuġ, bejn is-siegħa u nofs ta' filgħodu (01 :30hrs) u s-sagħtejn u għaxra ta' filgħodu (02 :10hrs) :-

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar ikkagurjaw offiza ta' natura gravi per durata fejn ikkagunaw difett permanenti f'parti tal-gisem, u cioe' fis-senin fuq il-persuna ta' Maxine Camilleri u dan skont ma' ċċertifikat Dr Eleanore Cricchiola (med reg 6486) mċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana u dan bi ksur ta' l-artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba biex f'kaz ta' htija il-Qorti tipprovdi ghas-sigurta ta' Maxine Camilleri u tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 383, 384, 285 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni a favur ta' Maxine Camilleri ai termini ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba wkoll li f'kaz ta' htija ghar-reati hawn fuq imsemmija u jekk jidhrilha xieraq tordna lill-hatja sabiex ihallsu lil dik il-parti ammont ta' flus kifi jista' jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghal xi danni jew offizi jew hsara ohra ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur taqra l-akkużi u tikkonfermahom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputati waqt l-eżami jwieġbu li mhux ħatja tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-27 ta' Mejju 2024 li permezz tagħha huwa bagħat lill-imputat sabiex jiġi aġġudikat minnha taħt dak li hemm maħsub:-

(a) Fl-artikoli 214, 215, 216, 218 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Semgħet lill-imputati jiddikjaraw fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2024 li m'għandhomx oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja u deċiża minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi dan il-każ jikkonċerna ġlieda li seħħet fl-istabbiliment Gianpula fis-16 ta' Ottubru 2022 li fiha kienu involuti diversi persuni u fejn il-parti offiża, Maxine Camilleri, ġarrbet offiżi allegatament ta' natura gravi. Il-proċeduri inbdew fuq talba ta' Maxine Camilleri permezz ta' kwerela bil-mitkub lill-Pulizija Eżekuttiva, li fiha ġie allegat illi kienu ż-żewġ imputati, Roberta Cutajar Tanti u Stephanie Cutajar Tanti li kienu aggredixxew lill-istess kwerelanti u kkaġunawlha l-feriti li ġarrbew.

Tassew jirriżulta li l-parti offiża ġarrbet offiżi li mad-daqqa t'għajn jidhru li huma ta' natura gravi, talanqas skont kif maħsub fl-artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali[1]: Dr. Eleanor Cricchiola, li eżaminat lil Maxine Camilleri fis-16 ta' Ottubru 2022, xehdet illi kellha nefħa u selħa bid-demm fuq l-għadma supraorbitali kif ukoll nefħa infraorbitali kif ukoll iż-żewġ sinniet ċentrali tax-xedaq t'isfel, neqsin. Dr. Mario Frank Farrugia xehed illi meta eżamina lil Maxine Camilleri, kien sab ftit demm fuq l-abjad tal-għajn il-leminija kif ukoll nefħa u tbenġil madwar l-istess għajn[2]. Il-feriti fuq il-ħalq tal-vittma ġew deskritti iktar preċiżament minn Dr. Charles Fenech, kirurgu dentali li kien eżamina lil Maxine Camilleri l-għada tal-ġlieda, fis-17 ta' Ottubru 2022 fl-Isptar Mater Dei. Huwa xehed illi l-vittma kellha tbenġila fuq ix-xoffa u seta' jikkostata illi s-sockets li minnhom ġew maqlugħin iż-żewġ sinniet, kienu għadhom friski u bid-demm. Dawn il-feriti huma kompatibbli mal-feriti li jidhru fir-ritratti li ġew esebiti mill-Ispettur James Mallia bħala ritratti li kienet għaddiethomlu l-parti offiża, Maxine Camilleri xi ġimgħatejn jew tliet ġimgħat qabel. F'dawn ir-ritratti huma viżibbli l-offiżi li ġew ċertifikati minn Dr. Eleanor Cricchiola fuq l-għajn il-leminija[3] kif ukoll it-tbenġila fuq ix-xoffa t'isfel u n-nuqqas ta' snien li xehed dwarhom Dr. Charles Fenech[4].

Iżda qabel kollox, jinħtieġ li jiġi stabbilit jekk il-Prosekuzzjoni rnexxielhiex tipprova sal-grad meħtieġ għal sejbien ta' ħtija għal reat kriminali, li l-ko-imputati jew ta' xi waħda minnhom, ad esklużjoni ta' xi ħaddieħor, ikkaġunaw xi offiża fuq il-persuna ta' Maxine Camilleri.

Jingħad, b'mod ġenerali, illi għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat għar-reati li dwarhom ikun ġie mixli fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* fil-każ ta' kull reat addebitat lill-imputat, bejn l-istess imputat u l-event kriminuż: ness li jrid jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien

[1] L-Avukat Ġenerali akkuza lill-imputati wkoll bir-reat taħt l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali, ċioe' li kkaġunaw offiża ta' natura "gravissima" fuq Maxine Camilleri.
[2] Ara ċertifikat mediku f'paġna 15 tal-atti tal-kompilazzjoni.
[3] Parti minn Dok. JM1, paġna 55 tal-atti tal-kompilazzjoni.
[4] Paġna 54 u paġna 56 rispettivament tal-atti tal-kompilazzjoni – parti minn Dok. JM1.

proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq dal l-att kriminuż. Din iċ-ċertezza trid tkun imnissla mir-riżultanzi ta' stħarriġ sħiħ u bir-reqqa tal-evidenza kollha miġjuba, tal-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha u s-sottomissjonijiet, li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.

Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tissawwar f'moħħ il-ġudikant, ċertezza assoluta dwar il-ħtija, u dan għaliex huwa diffiċli li jintlaħaq dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li l-qorti tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova, ċioe' ċ-ċertezza morali, hija l-ogħla wieħed li huwa maħsub fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex tista' tinsab fl-akkużat il-ħtija għal reat kriminali. Jinkombi għalhekk lill-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tibda biex tosserva illi l-parti offiża, Maxine Camilleri, ma xehditx f'dawn il-proċeduri għaliex kienet akkużata hija stess fi proċeduri kriminali separati in konnessjoni mal-istess ġlieda li tat lok għall-akkużi odjerni fil-konfront tal-ko imputati, u għaldaqstant, fuq il-pedana tax-xhieda ikkonfermat li tipprevalixxi ruħha mid-dritt tas-silenzju[5]. Għalkemm l-Avukat Ġenerali reġa' talab[6] lill-Qorti biex terġa' tisma' lil Maxine Camilleri, jirriżulta li l-proċeduri kriminali fil-konfront tagħha kienu għadhom fi stadju bikri ħafna u għalhekk, il-parti offiża baqgħet qatt ma xehdet quddiem il-Qorti f'dawn il-proċeduri.

L-istess ix-xhieda okulari l-oħra li ġew prodotti mill-Prosekuzzjoni biex jixhdu: Joseph Muscat, Sabrina Xuereb u Darren Grech ilkoll għażlu li jibqgħu siekta quddiem il-Qorti u ma jixhdux peress li kienu akkużati fi proċeduri separati b'reati in

---

[5] Xhieda tad-19 ta' Ġunju 2023.
[6] Ara talba tal-Avukat Ġenerali tal-4 ta' Marzu 2024.

konnessjoni mal-istess inċident, u l-Avukat Ġenerali baqa' ma għamilx talba oħra biex jerġgħu jinġiebu biex jixhdu.

Huwa minnu li x-xhud tal-Prosekuzzjoni, Christian Zarb, xehed illi kien preżenti waqt it-taqtigħa ġewwa l-istabbiliment Gianpula, iżda huwa identifika lill-ko-imputati bħala l-persuni li ġew aggrediti u msawtin minn grupp ta' persuni, li wieħed minnhom rah jagħti daqqa ta' flixkun tal-vodka fuq ras Roberta Cutajar Tanti, anziche' bħala aggressuri jew bħala l-persuni li sawtu jew ikkaġunaw xi offiżi fuq Maxine Camilleri. Fi kwalsiasi każ, ix-xhud f'ebda waqt ma identifika lil Maxine Camilleri bħala xi waħda mill-persuni li kienu involuti jew li weġġgħet fit-taqtigħa.

Il-Prosekuzzjoni ma pproduċiet ebda xhud okulari ieħor li xehed dwar id-dinamika tal-inċident u l-persuni li kienu involuti, filwaqt li evidentement, ix-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija l-oħra kollha li xehdu fil-proċeduri m'hijiex utili biex jiġi stabbilit l-identita' tal-aggressur ta' Maxine Camilleri[7] jew inkella, tikkostitwixxi xhieda fuq kliem ħaddieħor u għalhekk ma tistax tingħata piż probatorju.

Għalkemm fix-xhieda tiegħu PS 610 Mark Anthony Spiteri li kien investiga l-każ, iddeskriva fid-dettall il-verżjonijiet li kienu rapportawlu Maxine Camilleri nnifisha u wkoll il-persuni l-oħrajn li raw jew kienu involuti fit-taqbida, kif diġa' ngħad ebda waħda minn dawn il-persuni ma xehed biex jikkonferma l-verżjoni rispettiva tiegħu bil-ġurament quddiem il-Qorti. Għalhekk, bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 646(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, moqrija flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 598(1) tal-Kapitolu 12, reż applikabbli bis-saħħa tal-artikolu 520(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali, il-fatti li xehed dwarhom l-imsemmi PS 610 Mark Anthony Spiteri - li huma essenzjalment il-verżjonijiet li huwa niżżel fir-rapport NPS 6/POL/5767/2022 – ma jiswewx bħala prova tal-kontenut tagħhom għaliex jikkostitwixxu xhieda fuq kliem ħaddieħor.

---

[7] PC 2107 Clint Borg xehed illi Roberta Tanti kienet qed tiġġieled iżda ma rax ma' min kienet qed tiġġieled. Imbagħad, ippreċiża: "*Mhux tiġġieled, tgħajjat l-iktar … bdiet tgħajjat li trid il-cameras.*"

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, l-essenza tar-regola dwar *hearsay evidence* ġiet imfissra hekk:-

*"Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra."*

Hija wkoll il-fehma tal-Qorti li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 599 tal-istess Kap. 12 ma jistħoqqx li jsibu riskontru fiċ-ċirkostanzi tal-każ in diżamina biex hija tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, għaliex kif diġa' ġie stabbilit, ix-xhieda setgħu jinġiebu biex jixhdu, għad illi mhux fl-istadju li fih ġie oriġinarjament mitlub, kif ukoll għaliex f'kull każ, kif sejrin naraw, ix-xhieda ta' PS 610 Mark Anthony Spiteri m'għandhiex fiha nnifisha, importanza sostanzjali fuq il-meritu.

Dan qed jingħad għaliex minn eżami tat-testimonjanza ta' PS 610 Mark Anthony Spiteri, moqrija flimkien mad-dikjarazzjonijiet li saru lilu mill-parti offiża nnifisha kif ukoll il-persuni l-oħra li eventwalment eżerċitaw il-jedd tagħhom li fiċ-ċirkostanzi ma jinkriminawx ruħhom, ma jistax ma jiġix osservat illi ebda wieħed minnhom ma identifika pożittivament lil xi waħda mill-imputati bħala l-aggressur ta' Maxine Camilleri jew il-persuni li kkaġunawlha l-offiżi li dwarhom jinsabu mixlija. Sabrina Xuereb iddikjarat li rat persuna maskili jkellem lil oħtha, Maxine Camilleri, b'mod aggressiv u rat ukoll lil oħtha tissielet ma' numru ta' persuni li kienu <u>tliet nisa u raġel</u>,

filwaqt li Joseph Muscat qal li l-persuni li kienu qed isawtuha kienu żewġ irġiel u żewġ nisa u kien ra li Maxine kellha snienha neqsin waqt li l-uffiċjal tas-sigurta' kien qed jiġbidha barra mill-istabbiliment. Similment, Darren Grech spjega illi kien hemm numru ta' persuni li daru għal Maxine, fosthom mara li ħasibha raġel. Iddikjara wkoll speċifikatament illi l-persuna li ra li kien qed jiġbed lil Maxine u jkaxkarha mal-art, kien uffiċjal tas-sigurta' b'xagħaru sewda u daqsxejn mibni. Min-naħa tagħha, Maxine Camilleri nnifisha spjegat lil PS 610 Mark Anthony Spiteri illi rat żewġ nisa bjondi ma' wiċċha u persuna oħra li ddeskrivietu bħala raġel, u kienu ġew fl-idejn u x'ħin spiċċat mal-art rat "*ħafna idejn oħra ituha*". Stqarret ukoll li kien f'mument meta kienet mal-art tissielet mal-persuni l-oħra, li hija tilfet snienha iżda ma setgħetx tidentifika min kienu dawn il-persuni.

Fir-rigward, PS 610 Mark Anthony Spiteri xehed illi meta wasal fuq il-post ra tliet persuni li kellhom ġrieħi sostanzjali, fosthom l-imputati, iżda meta sussegwentement - wara li kien identifika lil Maxine Camilleri u bagħat għaliha - staqsiha min kien għamlilha l-ġrieħi: *"...hi stqarret li ma kienetx taf min għamlilha l-ġrieħi, kellha argument ma' persuna imma ma qaltlix x'jimsu.*" (enfasi tal-Qorti)

Il-ko-imputati Roberta Cutajar Tanti u Stephanie Cutajar Tanti ma xehdux fil-proċeduri iżda kienu rrilaxxaw stqarrijiet separati fit-18 ta' Ottubru 2022 lil PS 610 Mark Anthony Spiteri, wara li ngħataw rispettivament il-jedd ta' aċċess għal , liema jedd huma kienu rrifjutawh u rrinunzjaw għalih. Għalkemm ma jirriżultax mill-atti u l-provi proċesswali li qabel irrilaxxaw l-istqarrijiet rispettivi tagħhom, l-imputati ngħataw ukoll il-jedd tas-silenzju u lanqas ġew imwissijin li għandhom dritt li ma jinkriminawx ruħhom[8], il-Qorti fehmet illi f'dak l-istadju ebda wieħed minnhom ma kien qed jitqies bħala persuna suspettata li kkommettiet reat kriminali. Dan qed jingħad għaliex li f'dak l-istadju Maxine Camilleri ma kienetx għadha tat il-verżjoni tagħha lill-Pulizija, u l-imputati kienu tabilħaqq l-ewwel żewġ persuni li ġew mitkellma mill-Pulizija li sadanittant, kienu għadhom kif bdew l-investigazzjoni tagħhom biex jiġu stabbiliti l-fatti b'rabta mal-ġlieda, u fil-verżjonijiet rispettivi

[8] Art. 366E u Art. 534AB tal-Kodiċi Kriminali.

tagħhom, l-imputati stqarrew li huma kienu ġew aggrediti waqt il-ġlieda u ġarrbu feriti, b'Roberta Cutajar Tanti tgħid li qalgħet daqqa ta' flixkun tal-vodka fuq rasha. Kemm hu hekk, il-Pulizija rnexxielhom jidentifikaw lil Maxine Camilleri bħala persuna involuta fl-inċident biss minn analiżi tal-informazzjoni inkluż ritratti li pprovdew l-imputati nfushom.

Inoltre, fl-istqarrija li rrilaxxat lill-istess PS 610 iktar tard fit-18 ta' Ottubru 2022, Maxine Camilleri ma identifikatx lill-aggressuri tagħha bħala l-imputati jew xi ħadd minnhom. Fil-fatt, stqarret li ma tafx min kienet il-persuna li tefagħha mal-art li b'konsegwenza tad-daqqa li ħadet, inqalgħulha żewġ sinniet u ma identifikatx liż-żewġ nisa li kienu aggredewha barra l-istabbiliment.

Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma illi l-istqarrijiet rilaxxati rispettivament miż-żewġ imputati, jikkostitwixxu prova ammissibbli

Fl-istqarrija tagħha Roberta Cutajar Tanti qalet li waqt li kienu mal-bar ġewwa l-istabbiliment Gianpula, Stephanie, il-mara tagħha, qaltilha li persuna femminili kienet gidmitha f'idha u ġibditilha wkoll xagħarha. Fil-fatt, rat li kellha idha mimlija demm, u meta marret tistaqsi l-persuna li Stephanie indikatilha bħala l-persuna li aggredietha, ir-raġuni l-għala kienet għamlitilha hekk, ġew miżuma mill-uffiċjali tas-sigurta' tal-post li ħarġuhom mill-istabbiliment u dak il-ħin qalgħet daqqa ta' flixkun tal-vodka fuq rasha. Meta kienu fuq barra, kien hemm grupp ta' żewġ nisa u żewġ irġiel li daru għaliha u għal Stephanie u ħebbew għalihom u waħda min-nisa f'dan il-grupp gidmitilha sieqha filwaqt li raġel minnhom, liebes in-nuċċali, beda jagħtiha bis-sieq f'kull parti ta' ġisimha, f'liema waqt hi ġibditilha xagħarha sabiex tinqala' minn ma' sieqha.

Stephanie Cutajar Tanti stqarret li waqt li kienet mal-bar, il-ħabiba tagħha Rachel Tabone kellha xi tgħid ma' mara oħra u meta marret ħdejha u għamlitilha mossa biex ma taqlax inkwiet, din il-mara ġibditilha xagħarha. Meta ppruvat taqlagħha minn fuqha, din il-mara gidmitilha subagħjha u indunat li kellha d-demm ma' subgħajha.

Dak il-ħin ġiet Roberta biex tara x'ġara iżda ġew ukoll l-uffiċjali tas-sigurta' tal-post u ħarġuhom 'il barra mill-istabbiliment. Hemmhekk, sabet ruħha mal-art u numru ta' persuni infexxu jigdmuha ma' ġisimha kollu u qalgħet ukoll daqqiet bis-sieq mingħand raġel bin-nuċċali. Bdew ukoll jiġbduha minn xagħarha u kaxkruha mal-art fejn dak il-ħin, Rachel bdiet tipprova taqla' n-nies minn fuqha biex ma tkomplix taqla'. Ċaħdet li tat xi daqqiet lil xi ħadd u sostniet li l-unika ħaġa li għamlet kien li ppruvat taqla' lil min kien qed isawwatha, minn fuqha.

Ikkunsidrat;

Illi wara li qieset il-ġabra sħiħa tar-riżultanzi proċesswali, huwa manifest li l-Qorti ma tista' qatt tasal għall-konklużjoni li l-imputati jew waħda minnhom kienu l-persuni li kkaġunaw l-offiżi li mill-provi jirriżulta li ġarrbet Maxine Camilleri fis-16 ta' Ottubru 2022 waqt il-ġlieda li seħħet fl-istabbiliment Gianpula. Għalkemm huwa ippruvat sodisfaċjentement mix-xhieda ta' PS 610 Mark Anthony Spiteri u mill-istqarrijiet li ġew rilaxxati mill-imputati odjerni, rispettivament, li huma kienu preżenti fl-istabbiliment kif ukoll kienu involuti fit-taqtigħa li fiha kienet involuta wkoll il-parti offiża, tant illi l-imputat ukoll ġarrbu huma stess xi ġrieħi, ma hemm ebda prova kwalsiasi fl-atti proċesswali li hi kapaċi tinstawra konvinċiment morali f'moħħ il-Qorti li kienu l-imputati ad esklużjoni ta' xi ħaddieħor, li effettivament ikkawżaw l-offiżi li sofriet l-istess parti offiża.

Ibda biex, minn eżami tal-ġabra <u>sħiħa</u> ta' xhieda u evidenza oħra li ressqet 'il quddiem il-Prosekuzzjoni, il-Qorti fehmet illi b'żieda mal-partijiet, kien hemm għadd ta' persuni oħrajn li kienu qed jiġġieldu kontra xulxin f'żewġ gruppi, u għalkemm il-ko-imputati kienu evidentement involuti f'din il-ġlieda, huma ma ġewx identifikati speċifikatament bħala l-persuni li kienu qed jiġġieldu sewwasew mal-parti offiża, wisq inqas ġie identifikat illi kienu fost il-"*ħafna idejn*" li bdew jagħtu lil Maxine Camilleri meta, skont kif iddikjarat hija stess lil PS 610 Mark Anthony Spiteri, kienet fl-art u tilfet snienha.

Iżda meta fil-mira tal-istħarriġ tal-Qorti titqies biss ix-xhieda u evidenza li hija ammissibbli u ta' fejda probatorju, u tiġi b'hekk imwarrba ix-xhieda fuq kliem ħaddieħor u l-verżjonijiet ta' persuni li baqgħu ma xehdux *viva voce* biex jikkonfermaw id-dikjarazzjonijiet li għamlu lil ħaddieħor, il-proċess huwa kompletament sajjem minn provi li jista' jwasslu lill-Qorti biex issib ħtija f'xi waħda mill-imputati bħala r-*reo* li kkaġuna xi waħda mill-offiżi subiti minn Maxine Camilleri, ad esklużjoni ta' xi persuna oħra. Il-fatt li l-imputati setgħu identifikaw, fl-istqarrijiet rispettivi tagħhom, lill-parti offiża bħala waħda mid-diversi persuni li kkaġunawlhom xi ġrieħi[9], ma jfisser bl-ebda mod li huwa ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni illi kienu huma l-aggressuri li kkaġunawlha l-ġrieħi fil-mira tal-akkużi odjerni. Dan qed jingħad ukoll għaliex mill-istqarrija ta' Stephanie Cutajar Tanti jirriżulta illi ċertu Rachel Tabone, ħabiba tal-imputati, ukoll kienet involuta fit-taqtigħa meta kellha xi tgħid ma' mara oħra[10], filwaqt li mill-provi jirriżult awkoll li Christian Zarb u ċertu Louise Piscopo kienu preżenti waqt il-ġlieda tant illi l-istess Christian Zarb ġie imkeċċi mill-uffiċjali tas-sigurta' tal-istabbiliment, flimkien ma' persuna oħra "*bin-nuċċali*"[11].

Il-Qorti, biex tista' ssib ħtija għar-reati addebitat lill-imputat, trid ikollha quddiemha provi konkreti u konklussivi li jinstawraw fiha konvinċiment morali li xi waħda mill-imputati li għandha quddiemha ikkaġunat l-offiżi li ġew iċċertifikati fuq il-persuna tal-parti offiża. L-Avukat Ġenerali ma indikax, fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, ir-reat taħt l-artikolu 237 tal-Kodiċi Kriminali u fi kwalsiasi każ, l-imputati ma ġewx mixlija speċifikatament li kienu ħadu parti attiva fi ġlieda aċċidentali (li fiha weġġgħet Maxine Camilleri). Dan ifisser illi għas-sejbien ta' ħtija għall-imputazzjoni dwar ir-reat taħt l-artikolu 216 jew 218 tal-Kodiċi Kriminali, il-prova speċifika u konklussiva li tistabbilixxi l-identita' tal-aggressur li b'egħmilu proprju, ikkaġuna l-offiżi li sofferti mill-vittma, bħala l-aġent tar-reat, tibqa' imperattiva.

---

[9] PS 610 xehed illi l-imputati identifkaw lil Maxine Camilleri, Joseph Muscat, Sabrina Xuereb u Darren Grech bħala aggressuri tagħhom.

[10] Mix-xhieda ta' PS 610 Mark Anthony Spiteri jirriżulta li huwa kien bagħat għall-imsemmija Rachel Tabone u ħa l-verżjoni tagħha li minnha jirriżulta li tassew kienet flimkien mal-imputati u li kellha xi tgħid ma' mara oħra.

[11] Ara xhieda ta' Christian Zarb, 31 ta' Jannar 2024, u xhieda ta' PS 610.

Iżda dan il-livell ta' prova ma ntlaħqitx f'dan il-każ mill-Prosekuzzjoni u l-Qorti tqis ma tistax issib ħtija f'ebda waħda mill-imputati għar-reati taħt l-artikolu 216 u jew 218 tal-Kap. 9 mingħajr ma tirkorri għal spekolazzjoni u konġetturi li, madankollu, ma għandhomx post fid-determinazzjoni ta' ħtija kriminali.

Billi għalhekk il-Qorti riskontrat dubju raġjonevoli li l-imputati jew xi ħadd minnhom b'xi għemil jew ommissjoni, ikkaġunat offiżi ta' natura gravi fuq Maxine Camilleri, ma jistgħux jinsabu ħatja tar-reati addebitati lilhom.

**Għal dawn il-motivi, ma ssibx lil ROBERTA CUTAJAR TANTI u lanqas lil STEPHANIE CUTAJAR TANTI, ħatja tar-reati addebitati u konsegwentement, qiegħda tilliberahom minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**